IR-RABAT

# KUNSILL LOKALI IR-RABAT
## IS-SEBA' LEĠIŻLATURA
## MINUTI TAL-LAQGĦA B'URĠENZA NUMRU G 28

* **Il-Kunsill iltaqa` nhar** Data u ħin
**It-Tnejn 29 ta' Settembru 2014 fis-5.30 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Charles Azzopardi | Sindku |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Mallia | Kunsillier |
| Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| Is-Sur Stephen Borg | Kunsillier |
| Is-Sra Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**Skużati:**

| | |
|---|---|
| Is-Sra Doris Coleiro | Viċi Sindku |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |
| Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |

**1.00 Mozzjoni Speċjali 0005/14 – 'Biex tinbidel deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-servizz ta' gwardjani lokali waqt il-ħin tal-monti ta' nhar ta' Ħadd fi Triq it-Tiġrija'**

1.01 Is-Sindku Charles Azzopardi ippreżenta mozzjoni 0005/14. Kopja ta' din il-mozzjoni tinsab annessa ma' dawn il-minuti. Mozzjoni Speċjali 0005/14

Is-Sindku ressaq din il-mozzjoni bħala riżoluzzjoni speċjali u ssekondaw din il-mozzjoni l-Kunsillier Ian Vassallo u l-Kunsillier Peter Paul Azzopardi. Dan sabiex tkun tista' tiġi revokata d-deċiżjoni preċedenti li ttieħdet waqt seduta G26 tas-26 ta' Awwissu 2014.

F'din l-mozzjoni s-Sindku ppropona li l-gwardjani lokali jkunu preżenti kull nhar ta' Ħadd waqt il-ħin tal-monti, mis-6.30 a.m san-nofsiegħa u dan sakemm il-monti jibqa` jopera minn Triq it-Tiġrija.

KUNSILL LOKALI IR-RABAT
8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

1.02 Il-laqgħa ntemmet fis-6.00 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum it-Tlieta 25 ta' Novembru 2014

**Charles Azzopardi**
**Sindku**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**

50/1469/14.

0005/2014

Data: 24 ta' Settembru 2014

Preżentata: 24 ta' Settembru 2014

**Mozzjoni biex tinbidel deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-servizz ta' gwardjani lokali waqt il-ħin tal-monti ta' nhar ta' Ħadd fi Triq it-Tiġrija**

Il-Kunsill waqt seduta numru G26 ta' nhar it-Tlieta 26 ta' Awwissu 2014 ħa deċiżjoni illi "għall-ewwel erba' ġimgħat jiġu ordnati żewġ gwardjani lokali sabiex jidderiġu t-traffiku fi Triq it-Tiġrija".

Aħna l-Kunsilliera hawn taħt iffirmati qed nipproponu illi:

Il-Kunsill jibdel din id-deċiżjoni u dan sabiex il-gwardjani lokali ikunu preżenti kull nhar ta' Ħadd waqt il-ħin tal-monti, mis-6.30 a.m. san-nofsiegħa u dan sakemm il-monti jibqa' jopera minn Triq it-Tiġrija.

**Għan:**

Dan qed isir sabiex ikun hemm immaniġġjar sewwa tat-traffiku, tiġi evitata xi diżgrazzja, il-bejjiegħa tal-monti u r-residenti jkunu moqdijin bl-aħjar mod possibbli. Matul dawn l-aħħar ġimgħat deher evidenti l-bżonn li jkun hemm preżenza tal-gwardjani lokali.

Proponent
Charles Azzopardi
Sindku

Sekondant
Ian Vassallo
Kunsillier

Sekondant
Peter Paul Azzopardi
Kunsillier

KUNSILL LOKALI IR-RABAT - Malta

Ippreżentata illum 25 ta' Settembru 2014